A.L. 86 ta' l-1996

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1996 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1996 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-25 ta' Marzu, 1996.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' Misraħ Kola, limiti Attard, kif hawn iktar 'il quddiem indikat:—

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,021 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Anthony u Maria L. Buhagiar, minn Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Kromb u mil-Lvant ma' Triq l-Isfargel, delineata bl-aħmar u markata "G" fuq L.D. 55/90/A;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,352 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq it-Tullier, mil-Lvant ma' Triq ir-Ruzell u mill-Punent ma' Triq l-Isfargel, delineata bl-aħmar u markata "M" fuq L.D. 55/90/A.

(2) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Dingli Fażi III, limiti Dingli, kif hawn iktar 'il quddiem indikat:—

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,068 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, minn Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Ħemda u mil-Lvant ma' Triq il-Gvernatur William Reid, delineata bl-aħmar u markata "A" fuq L.D. 192/95/2;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,786 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u minn Nofs-in-Nhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' Triq il-Gvernatur William Reid, delineata bl-aħmar u markata "B" fuq L.D. 192/95/2;

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,392 metru kwadru li tmiss mill-Grigal u mill-Punent ma' triq pubblika u mil-Lbiċ ma' Triq Francesco Zammit, delineata bl-aħmar u markata "C" fuq L.D. 192/95/2;

(d) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,796 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, minn Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Ħemda u mill-Punent ma' Triq Francesco Zammit, delineata bl-aħmar u markata "D" fuq L.D. 192/95/2.

(3) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar Tal-Wej, limiti Mosta, tal-kejl ta' madwar 700 metru kwadru, li tmiss minn Nofs-in-Nhar ma' Triq l-Għadajjar, mil-Lvant ma' Triq id-Dura u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħdar fuq L.D. 131/90/1.

(4) Flat numru 3, Blokk B1, Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar (Tenement No. 72931).

(5) Flat numru 7, Blokk 1, Triq il-Mediterran, Valletta (Tenement No. 63002).